Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-5 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Versus**

**Nathan Camilleri**
**(109799M)**

**Kawza numru: 2217/2023**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Nathan Camilleri** detentur tal-karta tal-identita' Malta bin-numru 109799M, iben Pierre Camilleri u Maria Dolores nee' Fleri Soler imwieled Pieta nhar it-23 ta' Marzu 1999, bla residenza fissa.

U akkuzat talli fit-13 ta' April 2023 gewwa il-binja tal-Ministeru ghat-Trasport, l-Infrastruttra u l-Progetti Kapitali fi Triq il-Kbira San Guzepp f'Santa Venera u f'dawn il-gzejjer:-

1. Ikkaguna hsara volontarja jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli u cioe kameras ta' sigurta, ghad-detriment ta' Gvern ta' Malta u/jew entitajiet ohra, liema hsara ma' tiskorrix l-ammont ta' mitejn u hamis euro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli bi hsara tas-sid jew detentur tal-propjeta ta' haddiehor, ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta' billi acceda gewwa l-fond li jifforma parti mill-Ministeru ghat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Progetti Kapitali u dan bi ksur tal-artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli qieghed jghix hajja ta′ ghazz u ta′ vagabundagg u dan bi ksur tal-artikolu 338(w) tal-Kap tal-Ligijiet ta′ Malta.

4. U aktar talli rrenda ruhhu bhala recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma′ jistghux jigu mibdula.

5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D, f′dan li ma′ jikkommettiex delitt iehor ta′ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta′ Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta′ Malta. Il-Qorti hija mitluba li f′kaz ta′ htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta′ Nathan Camilleri u tordna l-arrest mill-gdid ta′ l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta′ tlett elef (€3,000) euro bhala garanzija personali personali jghaddu favur il-Gvern ta′ Malta kif stipulati fl-Artikolu 579(2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Il-Qorti hija mitluba li tiehu in konsiderazzjoni il- hsara volontarja li saret fuq propjeta′ pubblika u ghaldaqstant f′kaz ta′ htija il-piena ghandha tizdied bi grad jew tnejn, u l-hati ghandu jigi ikkundannat ihallas multa ekwivalenti ghall-hsara li tkun saret.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f′kaz ta′ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta′ spejjez li jkollhom x′jaqsmu mal-hatra ta′ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta′ Leonard Cutajar, l-iSpettur Ian Vella, John Grech u l-imputat Nathan Camilleri.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat fix-xhieda tieghu stess ammetta illi dawwar il-camera ghax deherlu illi dawk qeghdin hemm ghalxejn, kif ukoll illi fl-iStatement l-imputat qal illi hu ghamel hekk ghaliex hu m′ghandux fejn joqghod, u gieli jorqod fuq xi bank f′xi gnien jew ghand shabu u ilu f′din is-sitwazzjoni xi sentejn jew tlieta, u ghalkemm fittex l-ghajnuna hadd ma jrid jghinu u allura ghamel dan l-agir sabiex jmur il-habs u jkollu saqaf fuq rasu.

Illi l-imputat m′ghandux fejn jghix u lanqas ghandu mpjieg.

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi **l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza** fil-konfront ta' l-imputat gew ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

Illi rigward **ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza**, il-Qorti hija konvinta illi l-Prosekuzzjoni ma' resqitx l-ahjar prova u ghalhekk dawn l-akkuzi ma' gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, qed **tillibera lil imputat mir-raba'(4) u l-hames (5) akkuza,** u wara li rat Artikolu 7, 31, 325(1)(c), 338(w) u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza** u qed tikkundannah ghal **hames (5) xhur** prigunerijja effettiva kif ukoll ghal **hlas ta' multa ghas-somma ta' mija u erbghin Euro (€ 140.00).**

**Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex sakemm il-hati jkun qed jiskonta l-piena imposta, jinghata kull ghajnuna necessarja, inkluz dik medika, psikologika u socjali u kull ghajnuna ohra li tista tghin lil hati isib stabilita' f'xi impjieg u akkomodazzjoni wara li jiskonta l-piena.**

**Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lil Ministru ghall-Politika Socjali u Drittijiet tat-Tfal Dr Michael Falzon kif ukoll lil Ministru ghall-Akkomodazzjoni Socjali u Affordabbli is-Sur Roderick Galdes.**

**(ft) Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**